MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Numru. 85/2007

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Roderick Brincat, iben Anna Maria Brincat, imwieled Pieta' fit-8 ta' diċembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-30 ta' settembru, 2006 għal ħabta tat-3.00 a.m. f'San Ġiljan, ikkometta serq ta' handbag kontenenti flus kontanti, apparat tal-mużika, telefon ċellulari u effetti oħra personali, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Sabrina Lallitto ta' nazzjonalita' taljana u/jew persuni oħra;
2. talli fit-30 ta' settembru, 2006 u fil-jiem ta' wara f'San Ġiljan u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, xjentement

laqa’ għandu ħwejjeġ, u cioe’ l-flus u l-affarijiet hawn fuq imsemmija, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fit-30 ta’ settembru, 2006 għal ħabta tat-3.00 a.m. f’San Ġiljan, ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Sabrina Lallitto ta’ nazzjonalita’ taljana skond ma ċċertifika Dr. R. Mangion M.D. ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ frar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u it-tielet akkuża miġjuba kkontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262, 267, 270 u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------